# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1067/2018 JVC**

**Marthese Camilleri ghan-nom u in rappresentanza ta' Joseph Debattista dejjem maghruf bhala Joseph Cutajar**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Marthese Camilleri noe kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi Joseph Debattista twieled f’Tal-Pieta` fid-19 ta’ Marzu 1950 minn Katie Debattista u missier mhux maghruf u dan skont ic-certifikat tat-twelid numru 3968 tal-1950.

2. Illi huwa dejjem gab il-kunjom ta’ Cutajar u effettivament siefer lejn l-Awstralja fejn baqa’ maghruf bl-istess kunjom ta’ Cutajar.

3. Illi meta izzewweg lil Susan Faith Porter fit-2 ta’ Mejju 1968 fl-Awstralja, filfatt huwa zzewweg bil-kunjom Cutajar illi anke l-licenzja tieghu f’New South Wales tindikah bhala Joseph Paul John Cutajar.

4. Illi meta applika u ghandu l-passaport Aswtralja bin-numru PA7742350 huwa kien dejjem gab il-kunjom Cutajar fuq l-ismijiet Joseph Paul John.

5. Illi meta t-tifel tieghu gie Malta nstab li ghalkemm kien qed jippartecipa fil-Judo bhala Cutajar filfatt il-kunjom tieghu kien Debattista.

6. Ghaldaqstant qed issir din il-kawza halli jigi ddikjarat u deciz illi Joseph Cutajar konsistentement kien u ghadu rikonoxxut bil-kunjom Cutajar u mhux Debattista kif jidher fic-certifikat tat-twelid.

7. Din it-talba qed issir ghat-termini tal-Artiklu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Illi r-rikorrenti huwa mizzewweg u ghandu t-tfal li pero` huma registrati unikament gewwa l-Awstralja fejn twieldu.

9. Illi huwa jixtieq jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu u li fic-certifikat tat-twelid tieghu jigi nkluz li hu maghruf bil-kunjom Cutajar.

**Ghaldaqstant in vista ta' dan qed jintalab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Li jigi ddikjarat li Joseph Cutajar kien u ghadu jissejjah Cutajar u mhux Debattista kif jidher fic-certifikat tat-twelid 3268 tal-1950.
2. Tordna ghat-termini tal-Artiklu 253 tal-Kap. 16 li jsir it-tibdil fl-Att tat-Twelid hawn fuq imsemmi bis-sostituzzjoni tal-kunjom minn Debattista ghal Cutajar.
3. Illi tordna konsegwentement illi kemm-il darba jirrizulta xi certifikat irregistrat hawn Malta ta' wlied ir-rikorrenti proprju li jidher il-kunjom Debattista li ssir ukoll il-korrezzjoni eventwalment fl-istess.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi mill-atti jidher li hemm nieqsa l-prokura necessarja li tipprovdi li Marthese Camilleri hija awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-azzjoni ghan-nom u in rapprezentanza ta' Joseph Debattista;

2. Illi bla hsara ghal premess u in linea preliminari ukoll, l-esponent jecepixxi ukoll illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled Malta nhar id-19 ta' Marzu 1950 lil Katie Debattista u missier mhux maghruf, u dan kif ikkonfermat mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 3268 tas-sena 1950, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1';

4. Illi tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent gie mnissel u mwieled barra z-zwieg u kif ukoll gie ddikjarat minn ommu stess li missieru ma huwiex maghruf, r-rikorrent kellu jassumi kunjom ommu, cioe' 'Debattista', u dan dejjem in konformita' mal-ligi kif kienet *in vigore* fis-sena 1950;

5. Illi stante s-suespost, it-talbiet kif dedotti mir-rikorrent ma jistghux jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti. L-esponent fl-istess waqt jaccenna illi t-talbiet tar-rikorrent ma humiex legalment fondati izda jmorru proprju kontra l-ispirtu tal-ligi li tezigi l-konformita' u stabbilita' fir-rigward tal-kunjomijiet;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent

mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'

Rat id-dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz tal-kawza odjerna l-attrici Marthese Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Joseph Debattista talbet li jigi dikjarat illi l-kunjom tal-attur fl-att tat-twelid bin-numru 3268 tas-sena 1950 ghandu jigi msejjah bhala Cutajar mhux Debattista, u konsegwentament, tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsir it-tibdil fl-att tat-twelid tal-kunjom billi minn Debattista jigi sostitwit ghal Cutajar u, kemm-il darba, jirrizulta xi certifikat ta' ulied ir-rikorrenti rregistrati hawn Malta tali korrezzjoni ghandha tigi riflessa anke f'dawk ic-certifikati.

Illi fir-risposta tieghu pprezentata nhar l-4 ta' Jannar, 2019 (a fol. 28 *et seq* tal-process) il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku

eccepixxa preliminarjament li mill-atti jidher li hemm nieqsa l-prokura necessarja li tipprovdi li Marthese Camilleri hija awtorizzata sabiex tipprocedi b'azzjoni a nom ta' Joseph Debattista. Eccepixxa preliminarjament ukoll li l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti. Id-Direttur intimat fil-mertu eccepixxa li r-rikorrenti twieled Malta nhar id-19 ta' Marzu, 1950 minn Katie Debattista u missier mhux maghruf u ghalhekk imnissel u mwieled barra miz-zwieg, b'dan li mat-twelid huwa assuma kunjom ommu u cioe' Debattista, dan in konformita' mal-ligi kif kienet in vigore fis-sena 1950. Eccepixxa li t-talbiet ma jistghux jigu akkolti minn din l-Qorti peress li t-talbiet imorru kontra l-ispirtu tal-ligi li tezigi l-konformita' u stabbilita' fir-rigward l-kunjomijiet. Finalment minghajr hsara ssottometta li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 32 tal-process.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari d-Direttur intimat eccepixxa li mill-atti jidher li hemm nieqsa l-prokura necessarja li tipprovdi li Marthese Camilleri hija awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-azzjoni a nom u in rapprezentanza ta' Joseph Debattista.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa minnu li fl-atti ma gietx ipprezentata prokura li tindika li Marthese Camilleri giet awtorizzata tipprezenta l-kawza odjerna. Madanakollu din il-Qorti tqis li prokura tista wkoll tkun wahda verbali.

Illi stante li din il-kawza bl-ebda mod ma ser tippregudika l-interess tar-rikorrent Joseph Debattista, pjuttost hija ntiza sabiex tissanzjona s-sitwazzjoni tieghu fejn jigi maghruf ufficjalment bil-kunjom Cutajar flok dak ta' Debattista, din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandiex taccetta li Marthese Camilleri ghandha prokura verbali. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi jibda billi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jsemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw il-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dan stante li kambjamenti f'kunjom jista johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod

kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi jirrizulta li r-rikorrenti Joseph Debattista ilu jghix gewwa l-Awtralja ghal numru ta' snin. Huwa fforma l-familja tieghu gewwa l-Awstralja u di fatti zzewweg gewwa New South Wales lil Susan Faith Porter fit-2 ta' Mejju, 1968 (ara certifikat taz-zwieg a fol. 7 tal-process) u hemm hekk kellu wkoll it-tfal. Ir-rikorrenti esebixxa numru ta' dokumenti li lkoll jevidenzjaw li gewwa l-Awstralja huwa maghruf bil-kunjom ta' Cutajar u mhux dak ta' Debattista. Dawn id-dokumenti huma s-segwenti:

(i) Certifikat ta' cittadinanza Awstraljana li nghata fid-19 ta' Lulju, 1983 a fol. 5 tal-process;

(ii) Certifikat mahrug mit-TAFE minn fejn jirrizulta li f'Dicembru, 1996 ir-rikorrenti ghamel kors fil-tisjir bl-isem ta' 'Certificate III in Baking – Trade' a fol. 6 tal-process;

(iii) Certifikat ta' kors mill-Learning Services li ghamel fil-'Word 97 – Introduction' datat 12 ta' April, 2001 a fol. 8 tal-process;

(iv) Kopja tal-passaport Awstaljan mahrug fil-11 ta' Mejju, 2017 bin-numru PA7742350 a fol. 9 tal-process;

(v) Kopja tal-licenza Awstaljana a fol. 10 tal-process;

(vi) Certifikat ta' referenza mill-'Quality Food Services South East Health' mahrug fis-26 ta' Lulju, 2001 a fol. 11 tal-process;

(vii) Statement of Attainment mill-Australian Red Cross Training Services ta' tlett units kompluti fis-27 ta' April, 2018 a fol. 12 tal-process;

(viii) Statement of Attainment mit-TAFE datat 13 ta' Ottubru, 2017 a fol. 13 tal-process;

(ix) Certifikat mill-'Workers Educational Association Illawarra' datat 7 ta' Marzu, 2002 a fol. 14 tal-process;

(x) Affidavit mhux guramentat ta' P J McMillan ta' Tallawarra Power Station datat 9 ta' Dicembru, 1988 li kkonferma li kien ilu jaf lir-rikorrenti Joseph Cutajar ghal erbatax-il (14) sena;

(xi) Certifikat minghand Gold Coast 2018 li jikkonferma li r-rikorrenti ghamel programm ta' siegha datat 4 ta' Marzu, 2018 a fol. 16 tal-process;

(xii) Kopja ta' kard intitolata 'Medicare' fuq isem ir-rikorrenti ndikat bhala Joseph C Cutajar u martu Susan C. Cutajar a fol. 17 tal-process;

(xiii) Kopja ta' kont mahrug mill-Wollonging City Council mahrug fuq isem J P J Cutajar u martu Susan F. Cutajar a fol. 18 tal-process;

(xiv) Kopja ta' kont mahrug mill-Sydney Water mahrug fuq isem JPJ Cutajar u martu SF Cutajar a fol. 19 tal-process;

(xv) Kopja ta' kont mahrug minn Telstra mahrug fuq isem J Cutajar a fol. 20 tal-process.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-attur qatta' l-maggorparti ta' hajtu gewwa l-Awstralja tant li anke mid-dokumenti pprezentati jirrizulta li huwa kompla bit-taghlim tieghu f'dak il-pajjiz. Qieset ukoll li r-rikorrent huwa identifikat minn terzi fil-hajja tieghu bhala Joseph Cutajar u mhux Debattita tant hu hekk li martu hadet il-kunjom Cutajar. Rat ukoll li l-Kummissjoni Gholja ta' Malta f'Canberra fic-ceritfikat Malti esebit a fol. 9 tal-Process nhar l-1 ta' Lulju 2010 rrikonoxxiet li r-rikorrent huwa wkoll maghruf bil-kunjom 'Cutajar'. Fic-cirkustanzi kollha suesposti u wkoll stante li gia awtorita' ohra Maltija rrikonoxxiet il-kunjom Cutajar tqis li jkun fl-ahjar interess kemm tal-attur, tal-familja tieghu, kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li kunjom ir-rikorrenti jigi mibdul minn dak ta' Debattista ghal dak ta' Cutajar kif appuntu huwa maghruf ma' kulhadd  mill-anqas sa mis-sena 1968. Il-Qorti ghalhekk tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dana li ai fini ta' kontinwita' u ricerki ghandu jitnizzel

notament fic-certifikat tat-twelid tal-istess rikorrent li huwa twieled bil-kunjom 'Debattista' u li dan gie mibdul b'ordni tal-Qorti ghal 'Cutajar'. Illi dwar l-ulied il-Qorti fehmet mill-atti li dawn igibu l-kunjom 'Cutajar' gewwa l-Awstralja izda mhumiex neccessarjament rikonoxxuti hekk mill-Awtoritaijeit Maltin. Mill-atti ma jirrizultax li nghataw dettalji ta' ulied ir-rikorrent b'dan izda li la darba jinbidel kunjom missierhom ghandu jkun awtomatiku, minghajr il-bzonn ta' rikors iehor fil-Qorti, li l-kunjom tal-ulied jigi mibdul sabiex jirrifletti dak ta' missierhom. Huwa f'dan is-sens li t-tielet talba attrici ser tigi milqugha ghall-ekonomija tal-gudizzju.

**Decizjoni :**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent Joseph Cutajar kien u ghadu jissejjah bil-kunjom Cutajar u mhux Debattista kif jidher fic-certifikat tat-twelid 3268 tal-1950;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna fit-termini tal-Artiklu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsir it-tibdil fl-Att tat-Twelid hawn fuq imsemmi bis-sostituzzjoni tal-kunjom minn Debattista ghal Cutajar b'dan li ghandu jitnizzel notament fl-istess certifikat tat-twelid li l-istess rikorrent twieled bil-kunjom Debattitsa u li dan gie mibdul b'ordni tal-Qorti ghal Cutajar;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna konsegwentement illi kemm-il darba jirrizulta xi certifikat irregistrat hawn Malta ta' wlied ir-rikorrent proprju li jidher il-kunjom Debattista li ssir ukoll il-korrezzjoni eventwalment fl-istess sabiex kunjomhom jinbidel ghal Cutajar.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-attur.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2020**